A.L. 285 tal-2024

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2024 li jwaqqaf il-Korp Nazzjonali Dwar id-Droga u l-Vizzji bħala Korp Speċjalizzat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2024 li Jwaqqaf il-Korp Nazzjonali Dwar id-Droga u l-Vizzji bħala Korp Speċjalizzat.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Prim Ministru bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-politika soċjali jista', b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dan l-ordni.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Korp" tfisser il-Korp speċjalizzat magħruf bħala l-Korp Nazzjonali dwar id-Droga u l-Vizzji stabbilit bis-saħħa tar-regolament 3;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-politika soċjali;

"regolamenti qafas" tfisser ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni, l-Amministrazzjoni u l-Operat ta' Korpi Speċjalizzati; L.S. 595.43.

"vizzji" tfisser vizzju tad-droga, alkoħol, logħob tal-azzard, logħob u tinkludi kwalunkwe vizzju ieħor.

Twaqqif u kompożizzjoni tal-Korp.

3. (1) Għandu jkun hemm korp speċjalizzat, li jkun magħruf bħala l-Korp Nazzjonali dwar id-Droga u l-Vizzji, li għandu jkun immexxi minn Kap, li jinħatar mill-Ministru u li jkun magħruf bħala ċ-Ċhairperson mhux Eżekuttiv, li għandu jkun assistit minn ħames (5) persuni oħra li għandhom jkunu uffiċjali pubbliċi li jkollhom kariga ta' Direttur, Maniġer Anzjan, Maniger II jew Maniger I fis-servizz pubbliku.

(2) Il-Kap tal-Korp għandu jirrapporta lis-Segretarju

Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-politika soċjali.

(3) Ħlief jekk dan l-ordni jipprovdi xort'oħra, il-Korp għandu fl-amministrazzjoni u t-tħaddim tiegħu jkun regolat bid-disposizzjonijiet tar-regolamenti qafas.

Funzjonijiet tal-Korp.

4. (1) Il-Korp għandu:

(a) jidentifika u jifformula rapporti nazzjonali annwali dwar il-qagħda tad-droga u r-reazzjonijiet għaliha dwar kwistjonijiet relatati mal-prevalenza, il-prevenzjoni, it-trattament, il-fejqan u l-infurzar relatati mad-drogi u l-vizzji;

(b) jiġbor, jivverifika, janalizza u jippubblika statistika u data relatata mad-drogi u l-vizzji li, *inter alia,* jagħtu indikazzjonijiet relatati max-xenarju nazzjonali;

(ċ) iwettaq stħarriġ, studji u jissottometti rapporti dwar is-sitwazzjoni kurrenti fir-rigward tad-drogi u l-vizzji;

(d) jiffaċilita u jissorvelja l-koordinazzjoni u l-parteċipazzjoni meħtieġa bejn id-dipartimenti tal-gvern, l-aġenziji u entitajiet oħra kkonċernati fil-ġbir u l-kollazzjoni ta' data relatata mad-drogi u l-vizzji;

(e) jaġixxi bħala l-punt fokali nazzjonali għall-kollaborazzjoni lokali u internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-trattament, il-fejqan, l-infurzar u l-kwistjonijiet epidemjoloġiċi relatati mad-drogi u l-vizzji;

(f) jorganizza, jikkoordina u jżomm networks ta' riċerka fir-rigward tal-qagħda f'Malta u jipparteċipa f'networks relatati u attivitajiet oħra organizzati minn entitajiet internazzjonali; u

(g) iwettaq dawk il-funzjonijiet l-oħra fil-qasam tad-drogi u vizzji kif il-Ministru jista' jidderiġi.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu l-Korp għandu jiżgura l-indipendenza xjentifika u għandu jżomm il-kwalità ta' data miġbura skont l-istandards tal-Unjoni Ewropea.

Perjodu definit.

5. Il-perjodu definit tal-Korp għandu jkun ta' sitt (6) snin:

Iżda mat-tmiem jew fi kwalunkwe waqt matul il-perjodu definit, il-Ministru jista' abbażi ta' valutazzjoni tal-ħidma tal-Korp, jirrakkomanda lill-Prim Ministru li l-funzjonijiet tal-Korp għandhom jitwettqu permezz ta' entità stabbilita taħt forma legali differenti.

6. Il-Kap tal-Korp għandu jibqa' fil-kariga għal terminu massimu ta' tliet (3) snin u jista' jerġa' jinħatar mill-ġdid. Persuna ma għandhiex tkunx kwalifikata sabiex iżżomm il-kariga ta' Chairperson mhux Eżekuttiv jekk tali persuna tkun Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru ta', jew kandidat għall-elezzjoni tal-Kamra tad-Deputati, jew membru ta' awtorità ta' gvern lokali. Żmien tal-kariga tal-Kap tal-Korp.

7. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni u tar-regolamenti qafas, il-Korp għandu jirregola l-proċedimenti tiegħu stess u jista' jaħtar sottokumitati. Proċedimenti.

8. Għandu jkun hemm Segretarju tal-Korp li għandu jkun persuna maħtura bħala tali mill-Ministru jew minn uffiċjal pubbliku nominat mill-Ministru sabiex jaġixxi ta' Segretarju tal-Korp. Segretarju tal-Korp.

9. Il-Korp għandu jkollu s-setgħa li jaħtar esperti sabiex jgħinuh fi kwalunkwe kwistjoni li tkun taħt il-konsiderazzjoni tiegħu, kif jista' raġonevolment iqis li jkun meħtieġ. Persuni li jassistu lill-Korp.

10. (1) Il-Korp għandu jkollu personalità ġuridika distinta u għandu jkun kapaċi jidħol f'kuntratti, li jħarrek u jiġi mħarrek u li jagħmel dawk l-affarijiet kollha u jidħol f'tali tranżazzjonijiet li jkunu inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq tal-għanijiet tiegħu. Status legali tal-Korp.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Korp għandha tkun vestita fil-Kap tal-Korp jew fi kwalunkwe membru jew uffiċjal ieħor tal-Korp kif il-Kap tal-Korp, jista' jawtorizza bil-miktub għal tali għan.

11. (1) Mill-inqas xahrejn (2) qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja tiegħu, il-Korp għandu jippreżenta pjan finanzjarju u ta' ħidma li jkopri l-attivitajiet proposti tal-Korp matul is-sena finanzjarja ta' wara. Għandha tingħata sovvenzjoni fil-baġit annwali kif jista' jkun maqbul mal-Ministeru tal-Finanzi permezz tal-Ministru responsabbli għall-politika soċjali, sabiex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet imsemmija. Pjan finanzjarju u ta' ħidma u finanzjament.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (1), għandu jkun id-dmir tad-Direttur responsabbli għall-finanzi fil-Ministeru responsabbli għall-politika soċjali li jiżgura li jsir il-ħruġ kif meħtieġ tas-sovvenzjoni sabiex l-attivitajiet imsemmija fil-pjan ta' ħidma jitlestew kollha kemm huma.

(3) Il-Korp għandu jidħol fi ftehim ta' għotja mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar id-Droga sabiex ikopri attivitajiet relatati mall-obbligi ta' Malta dwar rappurtaġġ fuq drogi u vizzji.

12. (1) Id-Direttur responsabbli għall-finanzi fil-Ministeru responsabbli għall-politika soċjali għandu jżomm kontijiet xierqa tad-dħul u l-infiq tal-Korp. Kontabilità u verifika.

(2) Il-kontijiet tal-Korp għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri li għandhom jinħatru mill-Korp bl-approvazzjoni tal-Ministru:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jeħtieġ li l-kotba u d-dokumenti oħra tal-Korp jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li għal dan il-għan għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tali kontroll fiżiku u verifiki oħra, u li jitlob u jakkwista tali informazzjoni kif jidhirlu meħtieġ.

(3) Is-sena finanzjarja tal-Korp għandha tibda fl-1 ta' Jannar u għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja tal-Korp għandha tibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni u għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.

Rapport annwali.

13. (1) Il-Korp għandu, sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, jippreżenta lill-Ministru kopja tar-rapport annwali li għandu jinkludi l-kontijiet annwali ċċertifikati mill-awdituri maħtura, rapport dwar l-attivitajiet tal-Korp matul is-sena u rapport ġenerali dwar l-iżviluppi matul il-perjodu li għalih ikun jirreferi dwar kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-funzjonijiet tal-Korp.

(2) Il-Ministru għandu jaċċerta li kopja tar-rapport annwali flimkien ma' kopja tal-pjan tan-negozju u finanzjarju tal-Korp li jkun kurrenti f'dak iż-żmien jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati mhux aktar tard minn erba' (4) ġimgħat wara li jkun irċieva r-rapport b' dan iżda illi fil-kalkolu taż-żmien ma għandu jittieħed qies tal-ebda żmien li matulu l-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa' jew li matulu tkun aġġornata għal aktar minn sebat (7) ijiem.

Emenda għat-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar l Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 595.

14. Fit-Tielet Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih wara l-partita "Korp għall-Park Nazzjonali ta' Ta'

Qali" għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"Korp Nazzjonali Dwar id-Droga u l-Vizzji	Li jagħmel monitoraġġ u li jħejji rapporti, statistika u surveys dwar is-suġġett tad-droga u vizzji oħra, li jikkoordina l-ħidma tad-dipartimenti tal-Gvern fil-qasam u li jaġixxi bħala punt fokali nazzjonali għall-kollaborazzjoni lokali u internazzjonali dwar id-droga u l-vizzji.	Sitt (6) snin	Kap li jkun Chairperson mhux Eżekuttiv assistit minn uffiċjali pubbliċi oħra ta' grad definit	Ministru responsabbli għall-politika soċjali	Iva".